| | | | L-iżvilupp ta’ politika dwar it-trasport reġjonali u ta’ oqfsa regolatorji | L-iżvilupp ta’ sħubijiet, kollegamenti u negozji konġunti bejn l-atturi ekonomiċi | It-titjib fis-sikurezza u l-affidabbiltà tas-settur tat-trasport | Għadd ta’ investimenti kredibbli ġodda (inklużi ftehimiet ta’ PPP) |
| | | | It-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali, tekniċi u amministrattivi tal-istituzzjonijiet relatati mat-trasport | | Titjib fil-moviment ta’ persuni u t-traffiku ta’ vetturi (inkluż il-fluss tal-merkanzija) | |

| Qasam ta’ Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| 1.3. Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) | L-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-ICT biex tiffaċilita l-kummerċ interreġjonali u intrareġjonali u l-għoti ta’ servizzi | L-Istati bi Sħab tal-EAC kollha huma konnessi permezz tal-fibra ottika. Madankollu, l-ICT hija għalja u madwar 13 % biss tal-popolazzjoni għandhom aċċess għall-internet u madwar 50 % tal-popolazzjoni huma abbonati tat-telefons ċellulari. | L-iżvilupp ta’ infrastruttura tal-ICT transfruntiera omoġenea | 80 % tal-komunità tan-negozju għandha konnessjonijiet ta’ veloċità għolja | Tranżazzjonijiet u servizzi garantiti (pereż. servizzi elettroniċi, il-kummerċ elettroniku, il-gvern elettroniku, is-saħħa elettronika)<br>Tariffi għall-aċċess għall-internet imnaqqsa b’60 % | L-iżvilupp ta’ għadd ta’ infrastrutturi tal-ICT transfruntieri omoġenei<br>żieda perċentwali fil-wisa' tal-banda<br>perċentwal ta’ tnaqqis fil-kostijiet għall-aċċess għall-Internet |
| | | | 20 % tal-popolazzjoni għandhom aċċess għall-internet u madwar 60 % tal-popolazzjoni huma abbonati tat-telefons ċellulari. | 40 % tal-popolazzjoni għandhom aċċess għall-internet u madwar 75 % tal-popolazzjoni huma abbonati tat-telefons ċellulari. | 60 % tal-popolazzjoni għandhom aċċess għall-internet u madwar 90 % tal-popolazzjoni huma abbonati tat-telefons ċellulari. | żieda perċentwali ta’ tranżazzjonijiet kummerċjali online<br>perċentwal ta’ żieda fl-abbonati tat-telefon u tat-telefons ċellulari u tal-utenti tal-internet |
| | | | Tisħiħ tal-kapaċitajiet fir-riżorsi umani, titjib fl-istandards tas-servizzi u fl-istrutturi istituzzjonali | L-iżvilupp ta’ sħubijiet, kollegamenti u negozji konġunti bejn l-atturi ekonomiċi | | Għadd ta’ investimenti kredibbli ġodda (inklużi ftehimiet ta’ PPP) |
| | | | Oqfsa legali u regolatorji dwar l-ICT żviluppati u armonizzati | L-iżvilupp tat-teknoloġija, it-trasferiment u l-applikazzjoni, ir-R&Ż u l-innovazzjoni | | żieda perċentwali fl-għadd ta’ speċjalisti tal-ICT |

PUBLIC

| Qasam ta' Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| 2. AGRIKOLTURA U TROBBIJA TAL-BHEJJEM | | | | | | |
| | Titjib tal-produzzjoni u l-produttività | (Titjib fil-produzzjoni u l-produttività ta' uċuħ tar-raba' prinċipali (kafè, te, u l-kannamiela) minn 10,95 miljun tunnellata | Żieda fil-produzzjoni u l-produttività ta' uċuħ tar-raba' u ta' bhejjem bi 15 % | Żieda fil-produzzjoni u l-produttività ta' uċuħ tar-raba' u ta' bhejjem bi 25 % | Żieda fil-produzzjoni u l-produttività ta' uċuħ tar-raba' u ta' bhejjem bi 30 % | Żieda fis-sigurtà alimentari Reġjonali<br>Iż-żieda fil-volum tal-esportazzjonijiet agrikoli<br>żieda perċentwali fil-produzzjoni agrikola fir-reġjun<br>It-tneħħija tal-ostakli nontariffarji (ONT) fl-EAC |
| | | Żieda fil-produzzjoni u l-produttività tal-bhejjem (baqar, nagħaġ, mogħoż, ħnieżer, pollam) minn 56,6 miljun, 32,3 miljun, 61,9 miljun, 7,9 miljun u 143 miljun rispettivament | Żieda fil-produzzjoni u l-produttività tal-bhejjem (baqar żieda ta' 10 %, nagħaġ 25 %, mogħoż 4 %, ħnieżer 20 % u pollam 10 %) | Żieda fil-produzzjoni u l-produttività tal-bhejjem (baqar żieda ta' 15 %, nagħaġ 30 %, mogħoż 10 %, ħnieżer 25 % u pollam 15 %) | Żieda fil-produzzjoni u l-produttività tal-bhejjem (baqar żieda ta' 20 %, nagħaġ 35 %, mogħoż 15 %, ħnieżer 30 % u pollam 20 %) | Żieda fis-sigurtà alimentari reġjonali<br>żieda perċentwali fil-produzzjoni tal-bhejjem fir-reġjun<br>Żieda fil-volum tal-esportazzjonijiet tal-bhejjem |
| | Titjib u żvilupp tal-agro-industrija (valur miżjud) | Il-perċentwal ta' esportazzjonijiet b'valur miżjud bħalissa huwa inqas minn 10 % | Il-perċentwal ta' esportazzjonijiet b'valur miżjud jiżdied għal mill-inqas 20 % | Il-perċentwal ta' esportazzjonijiet b'valur miżjud jiżdied għal mill-inqas 50 % | Il-perċentwal ta' esportazzjonijiet b'valur miżjud jiżdied għal mill-inqas 75 % | Il-perċentwal ta' żieda fil-valur miżjud ta' prodotti primarji nnegozjati mal-esportazzjonijiet totali<br>Għadd ta' agroindustriji moderni u kompetittivi stabbiliti |

PUBLIC

| Qasam ta’ Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| | Titjib tal-aċċess għall-kummerċ u għas-swieq għall-prodotti agrikoli | Fil-preżent is-sehem tal-kummerċ intrareġjonali tas-suq reġjonali totali huwa ta’ madwar 10 % għall-parti l-kbira tal-prodotti kummerċjati | Żieda għal 30 % tas-sehem ta’ kummerċ intrareġjonali | Żieda għal 50 % tas-sehem ta’ kummerċ intrareġjonali | Żieda għal 80 % tas-sehem ta’ kummerċ intrareġjonali | żieda perċentwali fil-kontribuzzjoni tal-esportazzjonijiet agrikoli għall-PDG |
| | | | Tisħiħ ta’ 30 % fl-iżvilupp ta’ swieq finanzjarji bħala appoġġ lill-assigurazzjoni agrikola u l-finanzi | Tisħiħ ta’ 50 % fl-iżvilupp ta’ swieq finanzjarji bħala appoġġ lill-assigurazzjoni agrikola u l-finanzi | Tisħiħ ta’ 80 % fl-iżvilupp ta’ swieq finanzjarji bħala appoġġ lill-assigurazzjoni agrikola u l-finanzi | Għadd ta’ istituzzjonijiet finanzjarji u skemi ta’ assigurazzjoni stabbiliti.<br>Għadd ta’ investiment fl-agrikoltura assigurat. |
| | | | Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq reġjonali stabbilita u kkoordinata | Titjib ta’ 20 % fil-kopertura tas-sistema ta’ informazzjoni tas-suq | Titjib ta’ 100 % fil-kopertura tas-sistema ta’ informazzjoni tas-suq. | Sistema ta’ informazzjoni u kummerċjalizzazzjoni agrikola reġjonali fis-seħħ |
| | | | | | L-investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp. | L-armonizzazzjoni ta’ standards agrikoli fl-EAC<br>Assigurazzjoni ta’ kwalità, gradi u ċertifikazzjoni. |
| | Titjib u żvilupp fl-infrastruttura agrikola | Infrastruttura tas-suq inadegwata | L-istabbiliment u l-aġġornament ta’ 20 % fl-infrastruttura tas-suq b’faċilitajiet moderni | Aġġornament ta’ 40 % fl-infrastruttura tas-suq b’faċilitajiet moderni | Aġġornament ta’ 100 % fl-infrastruttura tas-suq b’faċilitajiet moderni | Għadd ta’ faċilitajiet tas-suq mibnija u riabilitati għal prodotti agrikoli.<br>L-istabbiliment u l-aġġornament tal-infrastruttura tas-suq<br>żieda perċentwali fil-volum u l-valur ta’ kummerċ intra-EAC bl-użu tal-infrastruttura stabbilita |

PUBLIC

PUBLIC

| Qasam ta' Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| 3. SAJD | | | | | | |
| | Il-promozzjoni u l-iżvilupp tal-kummerċ reġjonali u internazzjonali tal-ħut u l-prodotti tal-ħut | L-industrija tal-ħut hija sottożviluppata.<br>Il-proporzjon tal-valur miżjud tas-sajd għall-PDG huwa ta' 1,3 % | Il-proporzjon tal-valur miżjud tas-sajd għall-PDG jiżdied sa 4 %<br>Il-kwantità ta' ħut u l-prodotti tas-sajd kummerċjalizzati żdied b'30 % | Il-proporzjon tal-valur miżjud tas-sajd għall-PDG jiżdied sa 6 %<br>Il-kwantità ta' ħut u l-prodotti tas-sajd kummerċjalizzati żdied b'60 % | Il-proporzjon tal-valur miżjud tas-sajd għall-PDG jiżdied sa 13 %<br>Il-kwantità ta' ħut u l-prodotti tas-sajd kummerċjalizzati żdied b'85 % | żieda perċentwali fis-sehem tal-valur miżjud tas-sajd għall-PGD<br>żieda perċentwali ta' kwantità ta' ħut u prodotti tas-sajd li jkunu prodotti u kummerċjalizzati<br>L-istabbiltà ta' żieda fl-għadd ta' lokalitajiet ta' distribuzzjoni tal-ħut<br>żieda fl-għadd ta' swieq garantiti. |
| | L-iżvilupp, it-titjib u l-modernizzar tal-infrastruttura tas-sajd u tal-akkwakultura | Infrastruttura moderna tas-sajd mhux adegwata | L-aġġornament u l-immodernizzar tas-sajd, tat-tqandil tal-ħut u tal-infrastruttura għall-ipproċessar eżistenti | L-istabbiliment u t-tagħmir ta' infrastruttura moderna għas-sajd:<br>3 portijiet tas-sajd<br>15-il tarzna ġdida<br>200 sit ta' żbark għall-ħut,<br>30 suq tal-ħut ġodda,<br>15-il industrija għall-ipproċessar tal-ħut u<br>300 faċilità tal-katina tat-tkessiħ<br>Żieda ta' 40 % fil-volum tal-korpi tal-ilma interni u fis-sajd f'baħar fond | Żieda ta' 60 % fil-volum tal-korpi tal-ilma interni u fis-sajd f'baħar fond;<br>5 portijiet tas-sajd ġodda<br>25 tarzna ġdida<br>400 Sit ta' żbark tal-ħut<br>60 suq tal-ħut ġdid<br>40 industriji għall-ipproċessar tal-ħut<br>500 faċilità tal-katina tat-tkessiħ | L-aġġornament u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura eżistenti għat-tqandil tal-ħut u għall-ipproċessar<br>Għadd ta' portijiet tas-sajd stabbiliti<br>Għadd ta' siti ta' żbark ġodda stabbiliti<br>Żieda fl-għadd ta' korpi tal-ilma interni u liċenzji tas-sajd tal-baħar fond<br>żieda fl-għadd ta' faċilitajiet tal-katina tat-tkessiħ<br>Żieda fl-għadd u t-tip ta' valur miżjud diversifikat ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd<br>Għadd ta' bastimenti tas-sajd moderni miksuba |

| Qasam ta’ Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| | | Infrastruttura tal-akkwakultura moderna inadegwata | L-aġġornament u l-immordernizzar tal-farms tal-akkwakultura eżistenti, l-imfaqas u ċ-ċentri ta’ tnissil sabiex tiżdied il-produzzjoni tal-akkwakultura b’10 %<br>Adozzjoni ta’ teknoloġiji tal-akkwakultura xierqa | Il-modernizzazzjoni ta’ farms tal-akkwakultura, l-imfaqas u ċ-ċentri ta’ tnissil sabiex tiżdied il-produzzjoni tal-akkwakultura b’20 % | Żieda fil-produzzjoni tal-akkwakultura għal 30 % tal-produzzjoni tas-sajd | Għadd ta’ farms tal-akkwakultura ġodda mibnija<br>Għadd ta’ mfaqas ġodda u ċentri ta’ tnissil mibnija<br>Għadd ta’ farms tal-akkwakultura eżistenti, imfaqas u ċentri ta’ tnissil aġġornati u mmodernizzati<br>L-adozzjoni u l-iżvilupp ta’ teknoloġiji tal-akkwakultura xierqa |
| | Biex jiġu żgurati ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd, protezzjoni u konservazzjoni effettivi | *Data* limitata dwar il-potenzjal tal-istokkijiet tal-ħut u informazzjoni dwar is-sajd. | L-iżvilupp ta’ qafas ta’ politika, regolatorju u legali għall-kondiviżjoni ta’ informazzjoni dwar is-sajd | L-akkwist ta’ faċilitajiet għall-ġbir, l-ipproċessar u t-tixrid ta’ *data* | L-istabbiliment ta’ bażi ta’ *data* tas-sajd u ta’ sistema tal-ġestjoni tal-informazzjoni komprensivi, operattivi u affidabbli | Il-ħolqien ta’ sistema ta’ informazzjoni dwar is-sajd li tiffunzjona;<br>Bażi tad-*data* stabbilita u operattiva<br>Għadd u tip ta’ tagħmir mixtri; Għadd ta’ pubblikazzjonijiet prodotti u mxerrda<br>Għadd ta’ korpi tal-ilma b’potenzjal magħruf għall-istokkijiet ta’ ħut |
| | | | L-istabbiliment tal-potenzjal ta’ stokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet ta’ qrib il-kosta u fil-lagi ewlenin. | L-istabbiliment tal-potenzjal tal-istokkijiet tal-ħut fiż-żona ekonomika esklussiva u territorjali | L-istabbiliment tal-potenzjal tal-istokkijiet tal-ħut fl-ibħra u l-ilmijiet interni. | |

| Qasam ta’ Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| | | L-eżistenza ta’ informazzjoni dwar prattiki tas-sajd kummerċ illegali | L-istabbiliment ta’ Sistema ta’ Monitoraġġ, Kontroll u Sorveljanza (MCS) fir-reġjun | Sistemi ta’ MCS reġjonali li jaħdmu | Il-protezzjoni u l-konservazzjoni ta’ ħabitats kritiċi u tal-bijodiversità akkwatika | perċentwal ta’ tnaqqis fis-sajd u l-prattiki kummerċjali illegali<br>Għadd ta’ ħabitats kritiċi mtejba;<br>Għadd. u tip ta’ ħut fil-periklu u speċijiet ta’ ħut mhedded konservati<br>Għadd u tip ta’ tagħmir ta’ MCS akkwistat<br>Titjib fil-bijodiversità akkwatika |
| 4. IL-ĠESTJONI TAR-RIŻORSI TAL-ILMA | | | | | | |
| 4.1. Riżorsi tal-Ilma | L-iżvilupp tal-ġestjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma fir-reġjun<br>L-iżvilupp ta’ infrastruttura tal-provvista tal-ilma għall-irrigazzjoni u għal raġunijiet produttivi oħra | L-użu tal-ilma għall-produzzjoni agrikola fl-EAC huwa baxx<br>L-infrastruttura tal-provvista tal-ilma għall-irrigazzjoni fir-reġjun tal-EAC hija baxxa | L-iżvilupp ta’ qafas ta’ politika, ġuridiku u regolatorju<br>L-istudji ta’ fattibbiltà, il-pjan tal-proġett u l-akkwist marbuta mal-infrastruttura tal-provvista tal-ilma diġà twettqu. | L-iżvilupp ta’ qafas istituzzjonali għall-bini tal-kapaċità.<br>Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta’ mill-inqas ħames (5) skemi ta’ provvista tal-ilma | L-użu u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma infurzati<br>Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta’ mill-inqas ħames (10) skemi ta’ provvista tal-ilma | L-istabbiliment ta’ qafas ta’ politika, ġuridiku, regolatorju u istituzzjonali.<br>saru għadd ta’ studji ta’ fattibbiltà<br>Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta’ għadd ta’ impjanti tal-provvista tal-ilma |
| | Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali għall-użu sostenibbli ta’ riżorsi tal-ilma transfruntiera | Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali tal-EAC fir-rigward tal-użu ta’ riżorsi tal-ilma komuni | Rieżami tal-qafas politiku, ġuridiku u regolatorju | Il-bini tal-kapaċitajiet f’dak li għandu x’jaqsam mal-qafas istituzzjonali | Politiki operazzjonalizzati | Il-ħolqien u t-tħaddim ta’ qafas ta’ politika, ġuridiku, regolatorju u istituzzjonali. |

PUBLIC

| Qasam ta’ Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| 5. L-IŻVILUPP TAS-SETTUR PRIVAT | | | | | | |
| | Għat-tisħiħ tal-iżvilupp tas-settur privat, l-investiment, il-kapaċitajiet ta’ provvista u l-kompetittività | L-istrateġija għall-Iżvilupp tas-Settur Privat tal-EAC | It-twettiq tar-riformi rilevanti fl-oqfsa istituzzjonali, ta’ politika, ġuridiċi, u regolatorji; | Żieda fil-perċentwal (%) ta’ MSMEs integrati fl-attivitajiet ewlenin fil-qasam tan-negozju; | Żieda fil-perċentwal (%) ta’ għadd ta’ ditti tal-EAC li jesportaw prodotti magħmula fir-reġjun tal-EAC għas-suq tal-UE | Il-Kodiċi ta’ Investiment tal-EAC operattiva. |
| | | Mudell ta’ Kodiċi ta’ Investiment EAC | Kapaċità ta’ appoġġ istituzzjonali għall-iżvilupp tas-settur privat u l-promozzjoni tal-investiment | Industriji ġodda introdotti u dawk eżistenti mibdula | Żieda fil-flussi tal-investiment dirett barrani. | It-tisħiħ tal-promozzjoni ta’ investiment u l-iżvilupp tal-intrapriżi<br>Żieda fil-kapaċitajiet ta’ provvista, il-kompetittività, id-diversifikazzjoni u żieda fil-valur |
| | | Politika tal-Kompetizzjoni Reġjonali | Qafas għall-ħolqien u t-tisħiħ ta’ sħubiji, negozji konġunti, subappalti, l-esternalizzazzjoni u r-rabtiet maħluqa. | Titjib tal-aċċess tas-Settur Privat tal-EAC għal riżorsi minn istituzzjonijiet ta’ finanzjament tal-KE bħalma huma l-BEI, iċ-ĊŻI u ċ-ĊTA | Żieda fil-volumi tal-esportazzjoni u l-qligħ | Il-politika u l-qafas regolatorju dwar is-Sħubija Pubblika-Privata<br>perċentwal ta’ żieda fl-IDB u l-perċentwal ta’ żieda fis-sħubijiet miksuba |

PUBLIC

| Qasam ta' Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| | | | L-istabbiliment ta' strutturi amministrattivi xierqa, inklużi l-one-stop shops biex isostnu l-investimenti;<br>L-istabbiliment ta' Qafas ta' Sħubija Pubblika-Privata EAC | Aċċess għal kreditu raġonevoli b'rati ta' interess aktar baxxi | | żieda perċentwali fid-dħul annwali mill-esportazzjoni<br>żieda perċentwali fl-investiment u l-finanzjament tan-negozju minn istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE<br>Fondi speċjali maħluqa u aċċessati mis-settur privat biex jiffinanzjaw il-proġetti ta' investiment<br>żieda perċentwali fl-investimenti tal-UE fl-EAC;<br>żieda perċentwali f'utilizzazzjoni ta' kapaċità kostanti;<br>żieda perċentwali fl-esportazzjonijiet tal-EAC lejn is-suq tal-UE |
| 6. KWISTJONIJIET TA' AĊĊESS GĦAS-SUQ | | | | | | |
| 6.1. SPS,TBT | L-iżvilupp tal-kapaċità għal konformità ma' ftehimiet relatati mal-kummerċ | Il-Protokoll EAC SPS konkluż | Il-Protokoll EAC SPS u l-miżuri domestikati mill-Istati bi Sħab tal-EAC kollha.<br>L-istabbiliment tal-identifikazzjoni tal-prodotti agrikoli, tar-reġistrazzjoni u ta' sistemi ta' traċċabbiltà<br>Żieda ta' 30 % fis-sehem tal-kummerċ intrareġjonali tal-EAC | It-tħaddim tal-Protokoll EAC SPS<br>Żieda ta' 50 % fis-sehem tal-kummerċ intrareġjonali tal-EAC | L-istabbiliment ta' ċentri SPU ta' eċċellenza għas-Sikurezza Alimentari, għas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali<br>Żieda ta' 80 % fis-sehem tal-kummerċ intrareġjonali tal-EAC | żieda perċentwali fis-sikurezza Alimentari, is-Sikurezza tal-Annimali u tal-Pjanti permezz ta' sistemi effettivi ta' twissija<br>żieda perċentwali fis-sehem ta' kummerċ intrareġjonali tal-EAC |

PUBLIC

| Qasam ta' Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| | | L-armonizzazzjoni ta' 1500 standard referenzjarju tal-EAC minn 2500 mal-livell internazzjonali | 1000 standard armonizzat<br>Is-sehem tal-EAC f'korpi li jistabbilixxu l-istandards<br>L-iżvilupp ta' reġim ta' Regolamenti Tekniċi tal-EAC<br>L-istabbiliment ta' kumitati konġunti dwar l-OTK fi żmien sentejn (2) mill-implimentazzjoni tal-FSE<br>Il-bini tal-kapaċitajiet fl-infrastruttura materjali u immaterjali (soft and hard infrastructure) tal-OTK u l-SPU inklużi: it-traċċabbiltà, l-ispezzjoni, l-akkreditazzjoni, l-analiżi tar-riskju, l-istandards u ċ-ċertifikazzjoni<br>L-armonizzazzjoni u n-notifika tar-Regolamenti Tekniċi tal-EAC<br>Skambju ta' informazzjoni | L-adozzjoni ta' Standards Internazzjonali<br>Iċ-ċertifikazzjoni tas-Sistema u tal-prodotti<br>Trasferiment tat-teknoloġija | Istituzzjonijiet akkreditati ta' valutazzjoni tal-konformità | l-għadd ta' ostakoli tekniċi mnaqqsa<br>Testijiet u Ċertifikati ta' rikonoxximent reċiproku.<br>Żieda fl-informazzjoni ta' żvelar f'dak li għandu x'jaqsam mal-Portal tal-EAC |

PUBLIC

| Qasam ta' Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| 6.2. Dwana u Faċilitazzjoni tal-Kummerċ | L-armonizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali u tal-proċeduri | L-istabbiliment tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Doganali tal-EAC<br>L-istati bi Sħab tal-EAC kollha jkunu Membri tad-WCO | L-istabbiliment ta' bini tal-kapaċità fl-infrastruttura immaterjali, ta' sistemi u ta' proċessi doganali<br>Tnaqqis fil-perjodu ta' rotazzjoni tal-bastimenti minn 11-14-il jum fl-2011 għal sitt (6) ijiem fl-2017<br>Jitnaqqas iż-żmien medju ta' waqfien ta' kontejners ta' importazzjoni mgħobbija għal jumejn (4) | L-armonizzazzjoni ta' proċeduri u proċessi doganali<br>L-istabbiliment ta' punt wieħed ta' qsim tal-fruntiera<br>Tnaqqis fil-perjodu ta' rotazzjoni tal-bastimenti għal tlitt (3) ijiem<br>Jitnaqqas iż-żmien medju ta' waqfien ta' kontejners ta' importazzjoni mgħobbija għal jumejn (2) | Il-perjodu ta' rotazzjoni f'punti ta' dħul fil-fruntiera jitqassar għal jum wieħed (1).<br>Jitnaqqas iż-żmien medju ta' waqfien ta' kontejners ta' importazzjoni mgħobbija għal jum (1) | Żieda fl-għadd ta' tagħbija/trasbord ta' kontenituri għal kull siegħa<br>Tnaqqis fil-ħin ta' rotazzjoni tal-bastimenti<br>il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri doganali armonizzati u implimentati bis-sħiħ |

| Qasam ta' Kooperazzjoni | Għanijiet | Xenarju bażi (2013) | Miri | | | Indikaturi tal-prestazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Terminu Qasir (3 snin) | Terminu Medju (5 snin) | Terminu Twil (2033) | |
| 7. KOSTIJIET TA' AĠĠUSTAMENT TAL-FSE | | | | | | |
| 7.1. Miżuri ta' aġġustament tal-FSE | Li jiġu indirizzati l-sfidi ta' aġġustament tal-FSE attwali u potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-FSE | Fond ta' aġġustament tal-FSE mhux stabbilit | Fond ta' aġġustament tal-FSE stabbilit biex ikopri b'mod tranżitorju t-telf potenzjali fid-dħul tal-gvern li jirriżulta mill-eliminazzjoni jew mit-tnaqqis sostanzjali fit-tariffi doganali. | Studju ta' valutazzjoni dwar it-telf potenzjali fid-dħul tal-gvern<br>Kumpens tat-telf maqbul<br>It-twettiq ta' valutazzjoni għall-kumpens tan-NFIC<br>It-twettiq ta' valutazzjoni ta' kumpens għal telf ta' qligħ mill-esportazzjoni fl-EAC | Kapaċità mtejba għal stabbiltà makroekonomika. | L-ammont tal-fondi ta' aġġustament żborżati biex ikopru t-telf tad-dħul tal-gvern<br>Il-konformità ma' indikaturi makroekonomiċi ta' aktar minn 7 % ta' tkabbir tal-PDG, id-defiċit baġitarju sostenibbli u r-rati tal-inflazzjoni |
| 7.2. Mobilizzazzjoni ta' riżorsi | Għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament b'mod konġunt u individwali għall-integrazzjoni reġjonali u l-istrateġiji ta' żvilupp tal-FSE | Kontribuzzjonijiet mill-FEŻ, l-Istati Membri tal-UE, Sħab oħra għall-iżvilupp, is-settur Privat, u mill-Istati bi Sħab tal-EAC | L-istabbiliment ta' fond FSE.<br>Fondi mobilizzati b'mod konġunt u individwali<br>L-istudji tal-fattibbiltà tlestew | Il-Proġetti ta' Żvilupp EAC FSE (li jinsabu fil-matriċi ta' Żvilupp tal-FSE) ffinanzjati u implimentati | L-iżvilupp ta' infrastruttura relatata mal-kummerċ | L-ammont ta' riżorsi finanzjarji impenjati mill-Istati bi Sħab tal-EAC, l-UE, , Sħab oħra tal-iżvilupp, u s-settur privat.<br>L-ammont ta' riżorsi użati<br>L-għadd ta' proġetti u programmi implimentati |

PUBLIC

Tabella ta' abbrevjazzjonijiet użati fl-Anness III(a) u III(b)

| Abbrevjazzjoni | |
|---|---|
| WB | Bank Dinji |
| TMEA | TradeMark East Africa |
| GoR | Il-Gvern tar-Rwanda |
| ToR | Termini ta' Referenza |
| BAD | Banque Africaine de Développement (l-istess bħal AfDB – il-Bank Afrikan għall-Iżvilupp) |
| AfDB | Il-Bank Afrikan għall-Iżvilupp |
| BNSF | BNSF Railway (dak li qabel kien il-Burlington Northern and Santa Fe Railway) |
| USTDA | US Trade and Development Agency (l-Aġenzija tal-Istati Uniti tal-Amerika għall-Kummerċ u l-Iżvilupp) |
| CPSC | CPCS - Canadian Pacific Consulting Services |
| EoI | Espressjoni ta' interess |
| Tz | It-Tanzanija |
| GOT/GoT | Il-Gvern tat-Tanzanija |
| JICA | Japan International Cooperation Agency (l-Aġenzija tal-Ġappun għall-Kooperazzjoni Internazzjonali) |
| NEPAD-IPPF | New Partnership for Africa's Development – Infrastructure Project Preparation Facility (Sħubija Ġdida għall-Iżvilupp tal-Afrika) |
| CDE | Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi |
| CTA | Ċentru Tekniku għall-Kooperazzjoni Agrikola u Rurali |
| NFIC | Pajjiżi Importaturi Netti tal-Ikel |
| TPA | Awtorità tal-Portijiet tat-Tanzanija |
| HLI | Istituzzjonijiet ta' Tagħlim ta' Livell Għoli |

________________________

PUBLIC

**ANNESS IV**

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
TAL-PAJJIŻI LI STABBILIXXEW
UNJONI DOGANALI MAL-UNJONI EWROPEA

L-UE tfakkar fl-obbligi ta' dawk l-Istati li stabbilixxew unjoni doganali mal-UE biex jallinjaw ir-reġim tal-kummerċ tagħhom ma' dak tal-UE u, għal uħud minnhom, biex jikkonkludu ftehimiet preferenzjali ma' dawk il-pajjiżi li għandhom ftehimiet preferenzjali mal-UE.

F'dan il-kuntest, il-Partijiet jinnutaw li l-Istat(i) bi Sħab tal-EAC għandu/għandhom jibda/jibdew negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim bilaterali li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles f'konformità mal-Artikolu XXIV tal-GATT ma' l-Istati li:

(a) stabbilixxew unjoni doganali mal-UE; u

(b) li l-prodotti tagħhom ma jibbenefikawx mill-konċessjonijiet tariffarji skont dan il-Ftehim.

L-Istat(i) bi Sħab tal-EAC jaqbel/jaqblu li jinnegozja(w) dan fil-futur.

________________________



PUBLIC

PUBLIC

# KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

## ARTIKOLU 1

## Kuntest u Għanijiet

1. Il-Partijiet ifakkru fl-Aġenda 21 u fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp adottati fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, li saret f'Rio de Janeiro mit-3 sal-14 ta' Ġunju 1992, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li sar f'Johannesburg mis-26 ta' Awwissu sal-4 ta' Settembru 2002, id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-97 Sessjoni tagħha, li saret f'Ġinevra fl-10 ta' Ġunju 2008, (id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar Soċjali u Ġustizzja għal Globalizzazzjoni Ġusta), id-Dokument ta' Eżitu tal-Konferenza tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2012 intitolat "Il-Futur li Rridu" approvat mir-Riżoluzzjoni 66/288 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU adottata fis-27 ta' Lulju 2012, id-Dokument ta' Eżitu intitolat "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli" (Aġenda 2030) approvat mir-Riżoluzzjoni 70/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU adottata fil-25 ta' Settembru 2015, u d-Dikjarazzjoni taċ-Ċentinarja tal-ILO għall-Futur tax-Xogħol, adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fil-108 Sessjoni tagħha li saret f'Ġinevra fil-21 ta' Ġunju 2019.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-iżvilupp sostenibbli jinkludi l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent, filwaqt li t-tlieta huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin u jaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ u tal-investiment internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-objettiv ta' żvilupp sostenibbli.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, kif deskritt mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel on Climate Change, IPCC) fir-rapport speċjali tiegħu intitolat "Tisħin Globali ta' 1.5°C", bħala kontribut għall-objettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-objettiv ta' dan l-Anness huwa li jtejjeb l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari d-dimensjonijiet tax-xogħol[1] u ambjentali tiegħu, fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-Partijiet, inkluż permezz tat-tisħiħ tad-djalogu u l-kooperazzjoni.

PUBLIC

ARTIKOLU 2

Dritt ta' Regolamentazzjoni u Livelli ta' Protezzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta' kull Parti li tiddetermina l-politiki u l-prijoritajiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha, li tistabbilixxi l-livelli ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol domestiċi li tqis xierqa u li tadotta jew timmodifika l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha. Tali livelli, liġi u politiki għandhom ikunu konsistenti mal-impenn ta' kull Parti għall-ftehimiet u għall-istandards rikonoxxuti internazzjonalment imsemmijin f'dan l-Anness.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha jipprevedu u jħeġġu livelli għoljin ta' ħarsien tal-ambjent u ta' protezzjoni tal-ħaddiema, u għandha tagħmel ħilitha sabiex ittejjeb dawn il-livelli, il-liġi u l-politiki.

1 Għall-finijiet ta' dan l-Anness, it-terminu "xogħol" ifisser l-objettivi strateġiċi tal-ILO skont l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti, li hija espressa fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta.

3. Parti ma għandhiex iddgħajjef jew tnaqqas il-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġi tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol bl-intenzjoni li tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

4. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew tidderoga b'xi mod ieħor mil-liġi tagħha dwar l-ambjent jew ix-xogħol, jew toffri li tirrinunzja jew b'xi mod ieħor tidderoga minnha, bl-intenzjoni li tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

5. Parti ma għandhiex, permezz ta' azzjoni sostnuta jew rikorrenti jew nuqqas ta' azzjoni, tonqos milli tinforza b'mod effettiv il-liġi ambjentali jew tax-xogħol tagħha bl-intenzjoni li tħeġġeġ il-kummerċ jew l-investiment.

6. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-politiki u l-prijoritajiet ta' żvilupp ta' xulxin fir-rigward tal-aspirazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' Trattament Speċjali u Differenzjali skont il-Ftehim tad-WTO u konsistenti mal-impenji ta' kull Parti lejn l-istandards u l-ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment skont dan l-Anness.

ARTIKOLU 3

Standards u Ftehimiet Multilaterali tax-Xogħol

1. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jwassal għal xogħol deċenti għal kulħadd, kif espress fid-Dikjarazzjoni ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta.

2. F’konformità mal-Kostituzzjoni tal-ILO, adottata bħala l-Parti XIII tat-Trattat ta’ Versailles, iffirmat fit-28 ta’ Ġunju 1919, u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-Segwitu tagħha, adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha f’Ġinevra fit-18 ta’ Ġunju 1998 (id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol),kif emendata fil-110 Sessjoni tagħha fl-2022, kull Parti għandha tirrispetta, tippromwovi u twettaq il-prinċipji li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, kif definiti fil-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, jiġifieri:

(a) il-libertà ta’ assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni ta’ kull forma ta’ xogħol furzat jew obbligatorju[1];

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal;

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u tal-okkupazzjoni; u

(e) ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa.

3. Kull Parti għandha tagħmel sforzi kostanti u sostnuti sabiex tirratifika l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO jekk ma tkunx għadha rratifikathom.

4. Il-Partijiet għandhom perjodikament jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet u l-avvanzi rispettivi tagħhom fir-rigward tar-ratifika tal-Konvenzjonijiet tal-ILO jew tal-protokolli kklassifikati bħala aġġornati mill-ILO.

---

1 F’dan il-kuntest, il-Partijiet jissottolinjaw l-importanza tar-ratifika tal-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, adottat mill-Konferenza Ġenerali tal-ILO fil-103 sessjoni tagħha tal-ILC f’Ġinevra fil-11 ta’ Ġunju 2014.



PUBLIC

5. Kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet rispettivi tal-ILO li l-Istat(i) bi Sħab tal-EAC u l-Istati Membri tal-UE jkunu rratifikaw.

6. Filwaqt li jfakkru d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, il-Partijiet jinnotaw li l-ksur tal-prinċipji u tad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol ma jistax jiġi invokat jew inkella jintuża bħala vantaġġ komparattiv leġittimu u li jenħtieġ li l-istandards tax-xogħol ma jintużawx għal skopijiet kummerċjali protezzjonisti.

7. Kull Parti għandha tippromwovi permezz tal-liġi u l-prattiki tagħha l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO kif stabbilita fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għal kulħadd, fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-pagi u tal-qligħ, tal-ħinijiet tax-xogħol, it-tisħiħ tas-sigurtà soċjali, ta' kundizzjonijiet oħrajn tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali;

(b) djalogu soċjali dwar kwistjonijiet ta' xogħol fost il-ħaddiema u l-impjegaturi u l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, u mal-awtoritajiet governattivi rilevanti.

8. B'mod konsistenti mal-impenji tagħha skont l-ILO, kull Parti għandha:

(a) tadotta u timplimenta miżuri u politiki dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, u s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, inkluż kumpens f'każijiet ta' korriment jew ta' mard okkupazzjonali;



PUBLIC

(b) iżżomm sistema effettiva ta' spezzjoni tax-xogħol.

9. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tax-xogħol, bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali kif xieraq, inkluż fi ħdan l-ILO. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) l-implimentazzjoni ta' Konvenzjonijiet fundamentali, ta' prijorità u oħrajn aġġornati tal-ILO;

(b) ix-xogħol deċenti, inklużi l-interkonnessjonijiet bejn il-kummerċ u l-impjieg sħiħ u produttiv, l-aġġustament tas-suq tax-xogħol, l-istandards fundamentali tax-xogħol, ix-xogħol deċenti fil-ktajjen tal-provvista globali, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(c) l-impatt tal-liġi u tal-istandards tax-xogħol fuq il-kummerċ u fuq l-investiment, u l-impatt tal-liġi dwar il-kummerċ u l-investiment fuq ix-xogħol.

10. Il-Partijiet għandhom iqisu kif xieraq il-fehmiet ipprovduti mir-rappreżentanti tal-ħaddiema, tal-impjegaturi u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jidentifikaw oqsma ta' kooperazzjoni u meta jwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni.

PUBLIC

ARTIKOLU 4

Kummerċ u Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-politiki kummerċjali inklużivi jikkontribwixxu għall-avvanz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 5 tal-Aġenda 2030 u l-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni Ekonomika tan-Nisa dwar l-Okkażjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO li saret f'Buenos Aires f'Diċembru 2017. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribut importanti tan-nisa għat-tkabbir ekonomiku permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attività ekonomika, inkluż il-kummerċ internazzjonali. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim b'mod li jippromwovi u jsaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

2. Il-Partijiet għandhom l-għan li jsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u l-kooperazzjoni tagħhom b'modi li jipprovdu b'mod effettiv opportunitajiet u trattament indaqs għan-nisa u l-irġiel biex jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, inkluż fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħhom.

3. Kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv l-obbligi tagħha skont ftehimiet internazzjonali li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa li għalihom hija parti, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979, filwaqt li tinnota b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tagħha relatati mal-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja ekonomika u fil-qasam tal-impjiegi. F'dan ir-rigward, il-Partijiet itennu l-impenji rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 3 ta' dan l-Anness inkluż rigward l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjonijiet tal-ILO relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u x-xogħol.

PUBLIC

4. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha jipprevedu, u jinkoraġġixxu, drittijiet, trattament u opportunitajiet ugwali bejn l-irġiel u n-nisa. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex ittejjeb tali liġi u politiki, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-livelli ta' protezzjoni tagħha stess għal opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa. Tali liġi u politiki għandhom ikunu konsistenti mal-impenji ta' kull Parti lejn l-istandards u l-ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment imsemmija f'dan l-Artikolu.

5. Il-Partijiet itennu l-impenji tagħhom skont l-Artikolu 2 ta' dan l-Anness fir-rigward tal-liġi rispettiva tagħhom li għandha l-għan li tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel.

6. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien b'mod bilaterali jew f'fora rilevanti oħra kif xieraq biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inklużi attivitajiet imfassla biex itejbu l-kapaċità u l-kundizzjonijiet għan-nisa, inklużi l-ħaddiema, in-nisa fin-negozju u l-intraprendituri, biex jaċċessaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet maħluqa minn dan il-Ftehim. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki relatati mal-ġbir ta' *data* diżaggregata skont il-ġeneru u analiżi bbażata fuq il-ġeneru tal-politiki kummerċjali.

7. Il-Partijiet jaqblu dwar l-importanza tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni, f'konformità mal-proċeduri domestiċi tagħhom, tal-impatt tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs ipprovduti għan-nisa fir-rigward tal-kummerċ.

PUBLIC

ARTIKOLU 5

Governanza u Ftehimiet Ambjentali Multilaterali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-governanza ambjentali internazzjonali, b'mod partikolari r-rwol tal-Assemblea tan-NU għall-Ambjent (UN Environment Assembly, UNEA) tal-Programm tan-NU għall-Ambjent (UN Environment Programme, UNEP), kif ukoll il-ftehimiet ambjentali multilaterali (multilateral environmental agreements, MEAs) bħala rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi ambjentali globali jew reġjonali u jenfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħaħ l-appoġġ reċiproku bejn il-politiki, ir-regoli u l-miżuri kummerċjali u ambjentali.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv l-MEAs, il-protokolli u l-emendi li tkun irratifikat.

3. Il-Partijiet għandhom perjodikament jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tar-ratifika tal-MEAs, inklużi l-protokolli u l-emendi tagħhom.

4. Il-Partijiet jaffermaw id-dritt ta' kull Parti li tadotta jew iżżomm miżuri sabiex tippromwovi l-objettivi tal-MEAs li għalihom hija parti. Il-Partijiet ifakkru li l-miżuri adottati jew infurzati għall-implimentazzjoni ta' tali MEAs jistgħu jiġu ġġustifikati skont il-Parti VIII ta' dan il-Ftehim.

PUBLIC

5. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ ta' politiki u miżuri ambjentali, bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-UNEP, l-UNEA, il-MEAs, u d-WTO. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) politiki u miżuri li jippromwovu l-appoġġ reċiproku tal-kummerċ u tal-ambjent inklużi:

– il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar politiki u prattiki u promozzjoni ta' inizjattivi biex titħeġġeġ il-bidla għal ekonomija ċirkolari;

– il-promozzjoni ta' inizjattivi dwar il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, it-tkabbir ekoloġiku u t-tnaqqis tat-tniġġis;

– l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-politiki u l-prattiki, u l-promozzjoni ta' pożizzjonijiet komuni, fil-qafas tal-MEAs;

(b) inizjattivi sabiex iħeġġu l-kummerċ u l-investiment f'oġġetti u f'servizzi ambjentali, inkluż billi jindirizzaw ostakli tariffarji u mhux tariffarji relatati;

(c) l-impatt tad-dritt dwar l-ambjent u l-istandards ambjentali fuq il-kummerċ u l-investiment,jew l-impatt tad-dritt dwar il-kummerċ u l-investiment fuq l-ambjent;

(d) aspetti oħra relatati mal-kummerċ tal-MEAs, inklużi l-protokolli, l-emendi u l-implimentazzjoni tagħhom.

PUBLIC

6. Il-Partijiet ser jagħtu l-kunsiderazzjoni dovuta, kif xieraq, lill-fehmiet jew il-kontribut mill-pubbliku rilevanti u l-partijiet ikkonċernati interessati għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom, u jistgħu jinvolvu aktar tali partijiet ikkonċernati f'dawk l-attivitajiet, kif xieraq.

PUBLIC

ARTIKOLU 6

Kummerċ u Tibdil fil-Klima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li tittieħed azzjoni urġenti biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu, u r-rwol tal-kummerċ biex jintlaħaq dan l-objettiv, b'mod konsistenti mal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima li saret f'New York fid-9 ta' Mejju 1992 UNFCCC), il-Ftehim ta' Pariġi skont l-UNFCCC, magħmul f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi), u ma' MEAs u strumenti multilaterali oħra fil-qasam tat-tibdil fil-klima.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.

3. L-impenn biex il-Ftehim ta' Pariġi jiġi implimentat b'mod effettiv skont il-paragrafu 2 jinkludi l-obbligu li wieħed joqgħod lura minn kull azzjoni jew ommissjoni li materjalment tegħleb l-objettiv u l-fini tal-Ftehim ta' Pariġi.

4. Parti tista' tieħu miżuri xierqa relatati ma' dan il-Ftehim fil-każ ta' ksur tal-obbligu skont il-paragrafu 3. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou jew id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ftehim suċċessur tiegħu, kif previst fl-Artikolu 136.3 ta' dan il-Ftehim.

5. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tippromwovi l-appoġġ reċiproku tal-politiki u l-miżuri kummerċjali u klimatiċi u b'hekk tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari, u għal żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

(b) tiffaċilita t-tneħħija ta' ostakli għall-kummerċ u l-investiment fi prodotti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, bħall-enerġija rinnovabbli u prodotti u servizzi effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

PUBLIC

6. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri dwar it-tibdil fil-klima b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż skont il-UNFCCC, il-Ftehim ta' Pariġi, il-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu konkluż f'Montreal fis-16 ta' Settembru 1987 (il-Protokoll ta' Montreal) u fid-WTO u fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI). Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) djalogu ta' politika u kooperazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, bħal dwar mezzi għall-promozzjoni tar-reżiljenza għall-klima, l-enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-effiċjenza enerġetika, it-tħejjija u l-adozzjoni ta' azzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju inklużi sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, it-trasport sostenibbli, l-iżvilupp ta' infrastruttura sostenibbli u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u l-monitoraġġ tal-emissjonijiet;

(b) l-appoġġ għall-iżvilupp u għall-adozzjoni ta' miżuri ambizzjużi u effettivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-IMO li għandhom jiġu implimentati minn vapuri involuti fil-kummerċ internazzjonali;

(c) l-appoġġ għal eliminazzjoni gradwali ambizzjuża ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ozone depleting substances, ODS) u t-tnaqqis gradwali tal-idrofluworokarburi (hydrofluorocarbons, HFCs) skont il-Protokoll ta' Montreal permezz ta' miżuri biex jiġu kkontrollati l-produzzjoni, il-konsum u l-kummerċ tagħhom, l-introduzzjoni ta' alternattivi li jirrispettaw l-ambjent għall-ODS u l-HFCs, u l-aġġornament ta' standards ta' sikurezza u standards rilevanti oħra, kif ukoll billi jiġi miġġieled il-kummerċ illegali ta' sustanzi regolati mill-Protokoll ta' Montreal.

PUBLIC

ARTIKOLU 7

Kummerċ u Diversità Bijoloġika

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika u tar-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi, b'mod konsistenti mal-MEAs rilevanti li għalihom huma parti, inklużi l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li saret f'Rio de Janeiro fil-5 ta' Ġunju 1992 (KDB) u l-protokolli tagħha, il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu, magħmula f'Washington, D.C. fit-3 ta' Marzu 1973 (CITES), u d-deċiżjonijiet adottati taħtha.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri effettivi sabiex tiġġieled kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi terzi, kif xieraq;

(b) tippromwovi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES u l-inklużjoni ta' speċijiet ta' annimali u pjanti fl-Appendiċijiet tas-CITES fejn l-istatus ta' konservazzjoni ta' dik l-ispeċi jitqies f'riskju minħabba l-kummerċ internazzjonali, kif ukoll it-twettiq ta' rieżamijiet perjodiċi, li jistgħu jirriżultaw f'rakkomandazzjoni biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES, sabiex jiġi żgurat li dawn jirriflettu kif xieraq il-ħtiġijiet ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet mhedda mill-kummerċ internazzjonali;

(c) tippromwovi l-kummerċ fi prodotti derivati minn użu sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi sabiex jikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-bijodiversità;

(d) tippromwovi l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi, f'konformità mal-Protokoll ta' Nagoya għas-CBD, magħmul f'Nagoya fid-29 ta' Ottubru 2010 (il-Protokoll ta' Nagoya);

(e) tieħu miżuri għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika meta tkun soġġetta għal pressjonijiet marbutin mal-kummerċ u mal-investiment, b'mod partikolari għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' żoonożi u speċijiet aljeni invażivi.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tal-bijodiversità bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż taħt is-CBD u s-CITES. Tali kooperazzjoni tista' tkopri fost l-oħrajn:

(a) inizjattivi u prattiki tajbin dwar il-kummerċ fi prodotti u f'servizzi derivati mill-użu sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi bl-għan ta' konservazzjoni tad-diversità bijoloġika;



PUBLIC

(b) il-kummerċ responsabbli u l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, inkluż l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi ta' kontabbiltà tal-kapital naturali u tal-ekosistemi, il-valutazzjoni tal-ekosistemi u s-servizzi tagħhom u strumenti ekonomiċi relatati, u l-integrazzjoni tal-bijodiversità fil-proċessi tal-kummerċ u l-kummerċ;

(c) il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, inkluż permezz ta' inizjattivi biex titnaqqas id-domanda għal prodotti illegali ta' organiżmi selvaġġi u inizjattivi biex jissaħħu l-kondiviżjoni u l-kooperazzjoni tal-informazzjoni, l-infurzar tal-liġi, it-trasferiment teknoloġiku volontarju, il-programmi ta' skambju u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet;

(d) l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi kif ukoll il-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji mill-użu tagħhom konsistenti mal-Protokoll ta' Nagoya.

ARTIKOLU 8

Kummerċ u Foresti

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti sabiex jipprovdu funzjonijiet ambjentali u opportunitajiet ekonomiċi u soċjali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, u r-rwol tal-kummerċ fil-kisba ta' dan l-objettiv.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri għall-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ relatat, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi terzi, kif xieraq, u tippromwovi l-kummerċ fi prodotti tal-foresti maħsuda b'mod legali;

(b) tippromwovi l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tal-kummerċ u tal-konsum tal-injam u tal-prodotti tal-injam maħsud f'konformità mal-liġi tal-pajjiż tal-ħsad u minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli;

(c) tiskambja informazzjoni mal-Parti l-oħra dwar inizjattivi relatati mal-kummerċ rigward il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-konservazzjoni tal-foresti, il-governanza tal-foresti, l-inizjattivi mfassla biex jiġġieldu l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, u politiki rilevanti oħra ta' interess reċiproku u jikkooperaw biex jimmassimizzaw l-impatt u l-appoġġ reċiproku tal-politiki rispettivi tagħhom ta' interess reċiproku.

3. Filwaqt li jirrikonoxxu li d-deforestazzjoni hija xprunatur ewlieni tat-tisħin globali u tat-telf tal-bijodiversità, il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-għarfien u l-esperjenza dwar modi kif jinkoraġġixxu l-konsum u l-kummerċ fi prodotti minn ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jimminimizzaw ir-riskju li l-prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti jitqiegħdu fis-swieq tagħhom.

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, itejbu l-konservazzjoni tal-foresti, jimminimizzaw il-forom kollha ta' deforestazzjoni u degradazzjoni tal-foresti, itejbu t-traċċabbiltà u l-katina tal-kustodja tal-prodotti tal-foresti, jippromwovu inizjattivi biex itejbu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, jiġġieldu l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u jsaħħu r-rwol tal-foresti fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fil-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità u fl-ekonomija ċirkolari u l-bijoekonomija, bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali kif xieraq.

ARTIKOLU 9

Il-Kummerċ u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Bijoloġiċi tal-Baħar u tal-Akkwakultura

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ekosistemi kif ukoll tal-promozzjoni ta' akkwakultura responsabbli u sostenibbli, u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (illegal, unreported and unregulated, IUU) idgħajjef il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut, għandu impatt negattiv fuq l-għajxien tal-komunitajiet tas-sajd u ta' dawk li jinnegozjaw fil-ħut u fil-prodotti tas-sajd. Dan jikkonferma l-ħtieġa għal azzjoni biex jiġi miġġieled u jintemm is-sajd IUU u jiġu indirizzati l-problemi tas-sajd eċċessiv u l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

3. Fid-dawl tal-paragrafi 1 u 2, kull Parti għandha:

(a) timplimenta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar kif definiti fil-Ftehim tan-NU għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU fuq il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna (Ftehim dwar Stokkijiet ta' Ħut) magħmul f'New York fl-4 ta' Awwissu 1995, u l-Ftehim tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (Food and Agriculture Organization, FAO) għall-Promozzjoni tal-Konformità mal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Miftuħa magħmul f'Ruma fl-24 ta' Novembru 1993 (Ftehim ta' Konformità), u l-Ftehim tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat magħmul f'Ruma fit-22 ta' Novembru 2009 (PSMA);

PUBLIC

(b) taġixxi b'mod konsistenti mal-prinċipji tal-UNCLOS, il-Ftehim dwar l-Istokkijiet tal-Ħut, il-Ftehim ta' Konformità, il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli, adottat bir-Riżoluzzjoni 4/95 tal-31 ta' Ottubru 1995 u l-PSMA, u tipparteċipa, kif xieraq, fl-inizjattiva tal-FAO dwar ir-Reġistru Globali tal-Bastimenti tas-Sajd, il-Bastimenti tat-Trasport Refriġerati u l-Bastimenti tal-Provvista;

PUBLIC

(c) tipparteċipa b'mod attiv fil-ħidma tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (Regional Fisheries Management Organisations, RFMOs) li tagħhom huma membri, osservaturi jew partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw, bl-għan li jinkisbu governanza tajba tas-sajd u sajd sostenibbli, bħal pereżempju permezz tal-promozzjoni tar-riċerka xjentifika u l-adozzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni bbażati fuq l-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli, it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' konformità, it-twettiq ta' rieżamijiet perjodiċi tal-prestazzjoni u l-adozzjoni ta' kontroll, monitoraġġ u infurzar effettivi tal-miżuri ta' ġestjoni tal-RFMOs u, fejn applikabbli, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dokumentazzjoni tal-qbid jew skemi ta' ċertifikazzjoni u miżuri tal-istat tal-port;

(d) timplimenta miżuri effettivi għall-ġlieda kontra s-sajd IUU, inklużi miżuri biex jeskludu prodotti IUU mill-flussi kummerċjali, u tikkoopera biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni biex tiżgura l-infurzar tat-traċċabbiltà;

(e) tippromwovi l-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli u responsabbli, filwaqt li tqis l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-objettivi u tal-prinċipji li jinsabu fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli;

(f) tippromwovi l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-ispeċijiet elenkati fis-CITES u l-inklużjoni ta' speċijiet ta' annimali u pjanti akkwatiċi fl-Appendiċijiet tas-CITES fejn l-istatus ta' konservazzjoni ta' dik l-ispeċi jitqies f'riskju minħabba l-kummerċ internazzjonali;

(g) tikkonforma mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi, magħmula f'Bonn fit-23 ta' Ġunju 1979 (il-Konvenzjoni ta' Bonn) u l-istrumenti taħt dik il-konvenzjoni, għall-konservazzjoni sostenibbli tal-ispeċijiet migratorji, il-ġestjoni tal-qabdiet inċidentali u d-*data* dwar il-ħatt l-art.

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni u l-benefiċċji reċiproċi tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tas-sajd u tal-akkwakultura, bilateralment, reġjonalment u f'fora internazzjonali, kif xieraq, inkluż fid-WTO, l-RFMOs, l-FAO u taħt strumenti multilaterali oħra f'dan il-qasam, bl-għan li jippromwovu prattiki tas-sajd sostenibbli u l-akkwakultura u l-kummerċ fi prodotti tal-ħut u tal-frott tal-baħar minn sajd u akkwakultura ġestiti b'mod sostenibbli. Il-Partijiet għandhom jaħdmu mill-qrib flimkien u jaċċelleraw l-isforzi tagħhom biex jiksbu l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 14 tan-NU (il-ħajja taħt l-ilma), li għandu l-għan li jikkonserva u juża b'mod sostenibbli l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli inkluż permezz tal-prevenzjoni u t-tnaqqis sinifikanti tat-tniġġis tal-baħar ta' kull tip, b'mod partikolari minn attivitajiet ibbażati fuq l-art, inkluż l-iskart tal-baħar u t-tniġġis min-nutrijenti, u permezz tal-integrazzjoni tal-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar fil-politiki tal-ekonomija blu sostenibbli.

PUBLIC

ARTIKOLU 10

Kummerċ u Investiment li Jappoġġaw Żvilupp Sostenibbli

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kummerċ u l-investiment fi prodotti u servizzi li huma relatati mal-protezzjoni tal-ambjent jew jikkontribwixxu għat-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u li t-trawwim tal-użu ta' skemi ta' sostenibbiltà jew inizjattivi volontarji oħra jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp sostenibbli.

2. Għal dak l-għan, il-Partijiet eliminaw id-dazji doganali fuq prodotti ambjentali li joriġinaw mill-Parti l-oħra skont l-Artikoli 10 u 11 ta' dan il-Ftehim.

3. Barra minn hekk, il-Partijiet impenjaw ruħhom li jikkonkludu negozjati dwar servizzi ambjentali u attivitajiet ta' manifattura skont l-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim.

4. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha tippromwovi u tiffaċilita l-kummerċ u l-investiment f'dawn:

(a) oġġetti u servizzi ambjentali;

(b) oġġetti li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet soċjali mtejbin; u

(c) oġġetti soġġetti għal skemi ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà trasparenti, fattwali u mhux qarrieqa bħal skemi ta' kummerċ ġust u etiku u ekotikketti.

PUBLIC

5. Il-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-investiment imsemmijin fil-paragrafu 4 jistgħu jinkludu:

(a) azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u kampanji ta' informazzjoni u ta' edukazzjoni tal-pubbliku;

(b) l-adozzjoni ta' oqfsa ta' politika li jwasslu għall-varar tal-aħjar teknoloġiji disponibbli;

(c) it-tħeġġiġ tal-adozzjoni ta' skemi ta' sostenibbiltà trasparenti, fattwali u mhux qarrieqa, speċjalment għall-SMEs;

(d) l-indirizzar ta' ostakli mhux tariffarji relatati; u

(e) referenza għall-istandards internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjonijiet tal-ILO u l-linji gwida jew l-MEAs, kif aġġornati perjodikament mill-korpi rilevanti.

6. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'aspetti relatati mal-kummerċ ta' kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali u multilaterali, kif ikun xieraq, forst l-oħrajn permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni.

PUBLIC

ARTIKOLU 11

Il-Kummerċ u l-Imġiba Responsabbli fin-Negozju u l-Ġestjoni tal-Katina tal-Provvista

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza ta' mġiba responsabbli fin-negozju u ta' prattiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, inkluża ġestjoni responsabbli tal-ktajjen tal-provvista u r-rwol tal-kummerċ fl-ilħuq ta' dan l-objettiv.

2. Fid-dawl tal-paragrafu 1, kull Parti għandha:

(a) tippromwovi l-imġiba responsabbli fin-negozju u r-responsabbiltà soċjali korporattiva, inkluża l-ġestjoni responsabbli tal-katina tal-provvista, billi tipprovdi oqfsa ta' politika ta' appoġġ li jinkoraġġixxu l-adozzjoni ta' prattiki rilevanti min-negozji;

(b) tappoġġa l-aderenza, l-implimentazzjoni, is-segwitu u t-tixrid ta' strumenti internazzjonali rilevanti, bħal-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (Organisation for Economic Cooperation and Development, OECD) għall-Intrapriżi Multinazzjonali, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, adottata f'Ġinevra f'Novembru 1977, il-Patt Globali tan-NU, u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem approvati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-Riżoluzzjoni tiegħu 17/4 tas-16 ta' Ġunju 2011.

PUBLIC

3. Il-Partijiet jagħrfu l-utilità ta' linji gwida internazzjonali speċifiċi għas-settur fl-oqsma tar-responsabbiltà soċjali korporattiva/tal-imġiba responsabbli fin-negozju u għandhom jippromwovu l-ħidma konġunta f'dan ir-rigward. Fir-rigward tal-Linji Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta rilevanti rikonoxxuti internazzjonalment għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli u s-supplimenti tagħhom, il-Partijiet għandhom jimplimentaw ukoll miżuri biex jippromwovu l-adozzjoni ta' tali gwida. Bħala membri tal-Kumitat tal-FAO dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija, il-Partijiet għandhom jippromwovu wkoll sensibilizzazzjoni għall-Prinċipji għal Investiment Responsabbli fis-Sistemi tal-Agrikoltura u tal-Ikel" u l-"Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti fil-kuntest tas-Sigurtà Alimentari Nazzjonali.

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'aspetti relatati mal-kummerċ ta' kwistjonijiet koperti minn dan l-artikolu b'mod bilaterali, reġjonali u f'fora internazzjonali, kif ikun xieraq, fost l-oħrajn permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni.

ARTIKOLU 12

Informazzjoni Xjentifika u Teknika

1. Meta tistabbilixxi jew timplimenta miżuri mmirati sabiex iħarsu l-ambjent jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment, kull Parti għandha tqis l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli, l-istandards internazzjonali rilevanti, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

2. Meta jkun hemm nuqqas ta' ċertezza xjentifika sħiħa u jkun hemm theddid ta' ħsara serja jew irriversibbli għall-ambjent jew għas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, Parti tista' tadotta miżuri biex tipprevjeni tali ħsara, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.

ARTIKOLU 13

Trasparenza

1. Kull Parti għandha, bil-għan li tiżgura sensibilizzazzjoni u tipprovdi opportunitajiet raġonevoli għall-persuni interessati u l-partijiet ikkonċernati biex jissottomettu fehmiet, jiżviluppaw, jippromulgaw u jimplimentaw b'mod trasparenti:

(a) miżuri mmirati lejn il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment; jew

(b) miżuri kummerċjali jew ta' investiment li jistgħu jaffettwaw il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

2. Kull Parti għandha tqis kif xieraq il-komunikazzjonijiet u l-opinjonijiet mill-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati ma' dan l-Anness. Hija tista' tinforma, fejn xieraq, lill-gruppi konsultattivi domestiċi stabbiliti skont l-Artikolu 15 ta' dan l-Anness kif ukoll lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra stabbilit f'konformità mal-Artikolu 14(5) ta' dan l-Anness dwar tali komunikazzjonijiet u opinjonijiet.

PUBLIC

ARTIKOLU 14

Kumitat Speċjali għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u Punti ta' Kuntatt

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kumitat Speċjali għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat tat-TSD"), irregolat mill-Parti VI ta' dan il-Ftehim, li għandu:

   (a) jiltaqa' darba fis-sena, jew mingħajr dewmien żejjed fuq talba ta' waħda mill-Partijiet;

   (b) ikun kopresedut, f'livell xieraq, mir-rappreżentanti tal-Partijiet; u

   (c) jirrapporta lill-Kunsill tal-FSE.

2. Il-Kumitat tat-TSD għandu:

   (a) jiffaċilita, jissorvelja u jirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness;

   (b) jwettaq il-kompiti msemmijin fl-Artikolu 18 ta' dan l-Anness;

   (c) jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja dwar kwistjonijiet koperti minn dan l-Anness, inkluż fir-rigward ta' suġġetti għad-diskussjoni mal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE msemmi fl-Artikolu 108 ta' dan il-Ftehim;

   (d) jikkunsidra kull kwistjoni oħra relatata ma' dan l-Anness skont kif jaqblu l-Partijiet.

PUBLIC

3. Il-Kumitat tat-TSD jista' jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, li fin-nuqqas tagħhom ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

4. Il-Kumitat tat-TSD għandu jippubblika rapport wara kull laqgħa tiegħu.

5. Kull Parti għandha, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Fteim, taħtar punt ta' kuntatt fl-amministrazzjoni tagħha biex jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Partijiet dwar kull kwistjoni relatata ma' dan l-Anness. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt tagħha. Il-Partijiet minnufih għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe tibdil f'dawk id-dettalji ta' kuntatt.

PUBLIC

ARTIKOLU 15

Gruppi Konsultattivi Domestiċi

1. Kull Parti għandha toħloq grupp konsultattiv domestiku ġdid jew taħtar grupp konsultattiv domestiku eżistenti fi żmien sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-grupp konsultattiv domestiku għandu jagħti pariri lill-Parti kkonċernata dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim. Għandu jikkonsisti minn rappreżentanza bilanċjata ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tan-negozju u tal-impjegaturi kif ukoll trade unions attivi fi kwistjonijiet ekonomiċi, tal-iżvilupp sostenibbli, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, ambjentali u fi kwistjonijiet oħrajn. Il-grupp konsultattiv domestiku jista' jitlaqqa' f'konfigurazzjonijiet differenti sabiex tiġi diskussa l-implimentazzjoni ta' Partijiet u dispożizzjonijiet differenti ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tiltaqa' mal-grupp konsultattiv domestiku tagħha tal-anqas darba fis-sena. Kull Parti għandha tikkunsidra l-fehmiet jew ir-rakkomandazzjonijiet sottomessi mill-grupp konsultattiv domestiku tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

3. Sabiex tippromwovi s-sensibilizzazzjoni pubblika tal-gruppi konsultattivi domestiċi, kull Parti għandha tippubblika l-lista tal-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-grupp konsultattiv domestiku tagħha kif ukoll il-punt ta' kuntatt għal dak il-grupp.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-interazzjoni bejn il-gruppi konsultattivi domestiċi rispettivi tagħhom, inkluża l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE stabbilit skont l-Artikolu 108 ta' dan il-Ftehim.

PUBLIC

ARTIKOLU 16

Evitar u Soluzzjoni ta' Tilwim

1. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-isforzi kollha permezz ta' djalogu, konsultazzjoni, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni biex jindirizzaw kull nuqqas ta' qbil dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Anness.

2. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-applikazzjoni ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jirrikorru esklużivament għall-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbiliti skont l-Artikoli 17 u 18 ta' dan l-Anness.

ARTIKOLU 17

Konsultazzjonijiet u Medjazzjoni

1. Ħlief meta previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 110 u 111 ta' dan il-Ftehim.

2. Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tal-wasla tat-talba mill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment u għandhom jitqiesu konklużi fi żmien disgħin (90) jum minn dik id-data tal-wasla, sakemm il-Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet.

3. Jekk il-konsultazzjonijiet jikkonċernaw dispożizzjonijiet relatati ma' ftehimiet jew strumenti multilaterali msemmija f'dan l-Anness, il-Partijiet għandhom iqisu l-informazzjoni mill-ILO jew minn organizzazzjonijiet jew korpi rilevanti stabbiliti skont l-MEAs sabiex jippromwovu l-koerenza bejn il-ħidma tal-Partijiet u dik ta' tali organizzazzjonijiet jew korpi. Meta rilevanti, il-Partijiet għandhom ifittxu parir minn tali organizzazzjonijiet jew korpi, jew minn kull espert jew korp ieħor li jqisu xieraq. Kull Parti tista' tfittex ukoll, jekk xieraq, il-fehmiet tal-gruppi konsultattivi domestiċi stabbiliti skont l-Artikolu 15 ta' dan l-Anness jew kull parir espert ieħor.

4. Kull riżoluzzjoni milħuqa mill-Partijiet għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

ARTIKOLU 18

Riżoluzzjoni ta' Tilwim

1. Ħlief meta previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli minn 112 sa 115, l-Artikolu 116(1), (3), (4) u (5), l-Artikoli minn 119 sa 124, l-Artikolu 125(2) u (3), u l-Artikoli 126 u 127 ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat tat-TSD stabbilit skont l-Artikolu 14 ta' dan l-Anness għandu, mhux aktar tard minn sitt (6) xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-inqas ħmistax-il (15) individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri għal tilwim skont dan l-Anness. Il-lista għandha tkun tikkonsisti minn tliet sublisti: sublista għal kull Parti li se sservi bħala arbitratur; u sublista ta' individwi li ma jkunux ċittadini tal-ebda waħda mill-Partijiet u li għandhom ikunu disponibbli biex jagħmluha ta' President tat-tribunal tal-arbitraġġ. Kull sublista għandi tinkludi mill-inqas ħames (5) individwi. Il-Kumitat tat-TSD għandu jiżgura li l-lista tinżamm dejjem f'dan il-livell, f'konformità mar-regoli ta' proċedura.

3. L-arbitri għandu jkollhom għarfien speċjalizzat jew għarfien espert fil-liġi tax-xogħol jew ambjentali, kwistjonijiet indirizzati f'dan l-Anness, jew is-soluzzjoni ta' tilwim li jinqala' taħt ftehimiet internazzjonali. Għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċijtiaet individwali tagħhom u ma jieħdu struzzjonijiet minn ebda organizzazzjoni jew gvern, u lanqas ma jkunu affiljati mal-gvern ta' xi waħda mill-Partijiet, u għandhom ikunu konformi mal-kodiċi ta' kondotta annessi mar-regoli ta' proċeduri li jrid jadotta l-Kunsill tal-FSE fi żmien sitt (6) xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 125(4) ta' dan il-Ftehim.

4. Jekk it-tribunal tal-arbitraġġ ikun magħmul skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 113 ta' dan il-Ftehim, l-arbitri għandhom jintgħażlu mill-individwi rilevanti fuq is-sublisti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

5. Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-ftehimiet u l-istrumenti multilaterali msemmija f'dan l-Anness, l-informazzjoni jew l-opinjoni esperta mitluba mit-tribunal tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 121 ta' dan il-Ftehim jenħtieġ li tinkludi informazzjoni u pariri mill-ILO jew minn korpi jew organizzazzjonijiet rilevanti stabbiliti skont l-MEAs.

6. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin (21) jum wara li tingħata d-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ tinforma lill-grupp konsultattiv domestiku tagħha stabbilit skont l-Artikolu 15 ta' dan l-Anness bil-miżuri ta' konformità li tkun ħadet jew li biħsiebha tieħu skont l-Artikolu 115(4) ta' dan il-Ftehim.

7. Il-Kumitat tat-TSD għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konformità. Il-gruppi konsultattivi domestiċi jistgħu jissottomettu osservazzjonijiet lill-Kumitat tat-TSD f'dan ir-rigward.

________________



PUBLIC

PUBLIC

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-UNJONI EWROPEA U TAR-REPUBBLIKA TAL-KENJA DWAR IL-KOOPERAZZJONI EKONOMIKA U GĦALL-IŻVILUPP SKONT DAN IL-FTEHIM

L-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, min-naħa l-oħra, (għall-finijiet ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Partijiet") jaqblu li l-prinċipji u l-proċeduri li ġejjin japplikaw għal dan il-Ftehim.

1. Il-Partijiet jagħtu importanza kbira lill-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-Ftehim, u lir-relazzjoni kummerċjali u għall-iżvilupp kontinwa bejniethom. Il-Partijiet għandhom relazzjoni produttiva u jistennew bil-ħerqa li jkomplu jiżviluppaw dik ir-relazzjoni skont dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-Parti V ta' dan il-Ftehim dwar il-kooperazzjoni ekonomika u għall-iżvilupp għandha tiġi interpretata u applikata f'konformità mal-Ftehim ta' Cotonou jew mal-ftehim suċċessur tiegħu. Il-Partijiet jaqblu li f'każ ta' xi inkonsistenza bejn id-dispożizzjonijiet tal-Parti V ta' dan il-Ftehim u l-Ftehim ta' Cotonou jew il-ftehim suċċessur tiegħu, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou jew id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ftehim suċċessur tiegħu. Kull dispożizzjoni inkonsistenti ma' dan ta' hawn fuq ma għandhiex tkun applikabbli.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-iżvilupp f'firxa wiesgħa ta' setturi, u jtennu l-impenn tagħhom lejn l-iżvilupp sostenibbli u bbażat fuq ir-regoli. Din is-sħubija bbażata fuq il-valuri u ta' fiduċja għandha l-għan li tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku sostenibbli u lix-xogħol deċenti għal kulħadd u li tippromwovi tranżizzjoni ekoloġika inklużiva li tiffoka fuq l-oqsma diġitali, tal-klima, tal-enerġija u tat-trasport, appoġġjata minn investimenti intelliġenti, nodfa u sikuri kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat.

(a) B'mod konsistenti mas-Sħubija ta' Busan għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, li saret f'Busan fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Partijiet jaqblu li jużaw u jappoġġjaw kif xieraq mekkaniżmi ta' twassil, fondi jew faċilitajiet nazzjonali jew reġjonali biex jidderieġu u jikkoordinaw ir-riżorsi għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

(b) Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tirriżulta fi sfidi, inkluż mill-impatt ta' tnaqqis tat-tariffi, li għandhom jiġu indirizzati, fost l-oħrajn permezz ta' azzjonijiet ta' kooperazzjoni ekonomika u għall-iżvilupp imwettqa mill-Unjoni Ewropea. Sadattant, il-Partijiet jaqblu li mhu se jkun hemm l-ebda kumpens finanzjarju speċifiku mill-Unjoni Ewropea u li l-qafas kumpensatorju ma japplikax bejn il-Partijiet. Madankollu, din il-kwistjoni tista' tiġi proposta għal rieżami fil-Kunsill tal-FSE fuq talba mir-Repubblika tal-Kenja.

PUBLIC

(c) Il-Partijiet jaqblu li ma jkunux applikabbli d-dispożizzjonijiet relatati mal-matriċi u mal-parametru referenzjarju f'dan il-Ftehim u l-Annessi tiegħu. Madankollu, il-Partijiet jaqblu li l-Matriċi, jew partijiet minnha, tista' tiġi applikata jew meħuda b'self sal-punt applikabbli filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet u l-parametri referenzjarji ta' investiment tal-Partijiet stess.

(d) Il-Partijiet jaqblu li d-dispożizzjonijiet relatati mal-Fond tal-FSE, inklużi dawk relatati mat-twaqqif u l-ġestjoni tiegħu, ma japplikawx bejniethom.

(e) Il-Partijiet jaqblu li dan il-Ftehim, inklużi referenzi għall-baġit tal-Unjoni Ewropea, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-Ftehim ta' Cotonou jew il-ftehim suċċessur tiegħu, ma jinvolvi l-ebda obbligu finanzjarju għal xi waħda mill-Partijiet.

PUBLIC

PUBLIC

# PROTOKOLL 1

# DWAR ASSISTENZA AMMINISTRATTIVA REĊIPROKA FI KWISTJONIJIET DOGANALI

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) "prodotti" tfisser il-prodotti kollha li jaqgħu fl-ambitu tas-Sistema Armonizzata, irrispettivament mill-ambitu ta' dan il-Ftehim;

(b) "leġislazzjoni doganali" tfisser kull dispożizzjoni legali jew regolatorja, applikabbli fit-territorji ta' Parti, li tirregola l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' merkanzija u t-tqegħid tagħha taħt kull sistema jew proċedura doganali, inklużi miżuri ta' projbizzjoni, restrizzjoni u kontroll;

(c) "Awtorità Applikanti" tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun inħatret minn Partijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u li tagħmel talba għal assistenza fuq il-bażi ta' dan il-Protokoll;

(d) "Awtorità Li Ssirilha t-Talba" tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun inħatret minn Parti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u li tkun irċeviet talba għal assistenza fuq il-bażi ta' dan il-Protokoll;

(e) "*data* personali" tfisser l-informazzjoni kollha relatata ma' individwu identifikat jew identifikabbli;

(f) "operazzjoni bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali" tfisser kull ksur jew attentat ta' ksur ta' leġiżlazzjoni doganali.

PUBLIC

ARTIKOLU 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, fl-oqsma fil-kompetenza tagħhom, bil-mod u skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Protokoll, biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, b'mod partikolari bil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-ġlieda kontra operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.

2. L-assistenza fi kwistjonijiet doganali, kif prevista f'dan il-Protokoll, għandha tapplika għal kull awtorità amministrattiva tal-Partijiet li tkun kompetenti għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Ma għandhiex tippreġudika r-regoli li jirregolaw l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali. Lanqas ma għandha tkopri l-informazzjoni li tinkiseb skont is-setgħat eżerċitati fuq talba ta' awtorità ġudizzjarja, ħlief meta l-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni jkollha l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' dik l-awtorità.

3. L-assistenza fil-proċeduri ta' rkupru rigward dazji, taxxi jew multi mhijiex koperta minn dan il-Protokoll.



PUBLIC

ARTIKOLU 3

Assistenza fuq Talba

PUBLIC

1. Fuq talba tal-Awtorità Applikanti, l-Awtorità Li Ssirilha t-Talba għandha tipprovdilha l-informazzjoni rilevanti kollha li tista' tippermettilha tiżgura li l-leġiżlazzjoni doganali tiġi applikata b'mod korrett, inkluża informazzjoni rigward attivitajiet meqjusa jew ippjanati li jkunu jew li jistgħu jkunu operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali.

2. Fuq talba tal-Awtorità Applikanti, l-Awtorità Li Ssirilha t-Talba għandha tinformaha:

(a) dwar jekk prodotti esportati mit-territorju ta' Parti jkunux ġew importati legalment fit-territorju tal-Parti l-oħra, filwaqt li tispeċifika, meta xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-prodotti;

(b) dwar jekk prodotti importati fit-territorju ta' Parti jkunux ġew esportati legalment mit-territorju tal-Parti l-oħra, filwaqt li tispeċifika, meta xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-prodotti.

3. Fuq talba tal-Awtorità Applikanti, l-Awtorità Li Ssirilha t-Talba għandha, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji tagħha, tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura sorveljanza speċjali ta':

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li jkunu jew li kienu involuti f'operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali;

(b) postijiet li fihom ħażniet ta' merkanziji kienu jew setgħu kienu miġbura b'tali mod li jkun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li dawn il-prodotti kienu maħsuba biex jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali;

(c) prodotti li jkunu jew li jistgħu jiġu trasportata b'tali mod li jkun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li dawn ikunu maħsuba biex jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali; u

(d) mezzi tat-trasport li jkunu jew setgħu kienu użati b'tali mod li jkun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li kienu maħsuba biex jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali.

PUBLIC

ARTIKOLU 4

Assistenza Spontanja

Il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, b'inizjattiva proprja u f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji tagħhom, jekk huma jqisu li dak ikun meħtieġ għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, partikolarment billi jipprovdu informazzjoni miksuba dwar:

(a) operazzjonijiet li jkunu jew li jidhru li jkunu bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali u li jistgħu jkunu ta' interess għall-Parti l-oħra;

(b) il-mezzi jew il-metodi ġodda użati fit-twettiq ta' operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali;

(c) il-prodotti magħrufa li jkunu soġġetti għal operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali;

(d) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li jkunu jew li kienu involuti f'operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali; u

(e) mezzi tat-trasport li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li kienu intużaw, qed jintużaw, jew jistgħu jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali.

PUBLIC

ARTIKOLU 5

Konsenja u Notifika

1. Fuq talba tal-Awtorità Applikanti, l-Awtorità Li Ssirilha t-Talba għandha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji applikabbli għal din tal-aħħar, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex:

   (a) tikkunsinna kull dokument li joħroġ mill-Awtorità Applikanti u li jaqa' fl-ambitu ta' dan il-Protokoll, lil destinatarju li jkun residenti jew stabbilit fit-territorju tal-Awtorità Li Ssirilha t-Talba, u, meta xieraq;

   (b) tinnotifika kull deċiżjoni li toħroġ mill-Awtorità Applikanti u li taqa' fl-ambitu ta' dan il-Protokoll, lil destinatarju li jkun residenti jew stabbilit fit-territorju tal-Awtorità Li Ssirilha t-Talba.

2. It-talbiet għal kunsinna ta' dokumenti jew notifika ta' deċiżjonijiet għandhom isiru bil-miktub f'lingwa uffiċjali tal-Awtorità Li Ssirilha t-Talba jew f'lingwa aċċettabbli minn dik l-awtorità.

ARTIKOLU 6

Forma u Sustanza ta' Talbiet għal Assistenza

1. It-talbiet skont dan il-Protokoll għandhom isiru bil-miktub. Huma għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa biex ikun hemm konformità mat-talba. Meta meħtieġ minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, jistgħu jkunu aċċettati talbiet bil-fomm, iżda dawn it-talbiet iridu jkunu kkonfermati bil-miktub immedjatament. It-talbiet jistgħu wkoll jiġu kkomunikati f'forma elettronika.

2. Talbiet skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-Awtorità Applikanti;

(b) il-miżura mitluba;

(c) il-fini u r-raġuni għat-talba;

(d) id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji u l-elementi legali l-oħra involuti;

(e) indikazzjonijiet kemm jista' jkunu eżatti u komprensivi dwar il-persuni naturali jew legali li jkunu l-mira tal-investigazzjonijiet; u

(f) sommarju tal-fatti rilevanti u tal-istħarriġiet li jkunu diġà twettqu.

PUBLIC

3. It-talbiet għandhom jintbagħtu f'lingwa uffiċjali tal-Awtorità Li Ssirilha t-Talba jew f'lingwa aċċettabbli għal dik l-awtorità. Dan ir-rekwiżit ma japplika għal ebda dokument li jakkumpanja t-talba skont il-paragrafu 1.

4. Jekk talba ma tissodisfax ir-rekwiżiti formali stipulati hawn fuq, tista' tintalab il-korrezzjoni jew il-kompletezza tagħha; sadattant jistgħu jkunu ordnati miżuri ta' prekawzjoni.

PUBLIC

ARTIKOLU 7

Eżekuzzjoni ta' Talbiet

1. Sabiex tkun konformi ma' talba għal assistenza, l-Awtorità Li Ssirilha t-Talba għandha tipproċedi, fil-limiti tal-kompetenza tagħha u tar-riżorsi li jkollha, bħallikieku tkun qed taġixxi f'isimha jew fuq talba ta' awtoritajiet oħra ta' dik l-istess Parti, billi tipprovdi informazzjoni li diġà jkollha fil-pussess tagħha, billi twettaq stħarriġ xieraq jew billi tagħmel arranġamenti biex dan jitwettaq. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għal kull awtorità oħra li lilha tiġi indirizzata t-talba mill-Awtorità Li Ssirilha t-Talba meta din tal-aħħar ma tkunx tista' taġixxi waħidha.

2. It-talbiet għal assistenza għandhom jitwettqu f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji tal-Parti li ssirilha t-talba.

3. Uffiċjali ta' Parti, debitament awtorizzati, bi qbil mal-Parti l-oħra involuta u soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati minn din tal-aħħar, jistgħu:

(a) ikunu preżenti biex jiksbu fl-uffiċċji tal-Awtorità Li Ssirilha t-Talba jew ta' xi awtorità oħra kkonċernata, f'konformità mal-paragrafu 1, informazzjoni relatata ma' attivitajiet li jkunu jew li jistgħu jkunu operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali li l-Awtorità Applikanti tkun teħtieġ għall-finijiet ta' dan il-Protokoll;

(b) ikunu preżenti waqt stħarriġ mwettaq fit-territorju ta' din tal-aħħar.

PUBLIC

ARTIKOLU 8

Forma li fiha tiġi Kkomunikata l-Informazzjoni

1. L-Awtorità Li Ssirilha t-Talba għandha tikkomunika bil-miktub ir-riżultati tal-istħarriġ lill-Awtorità Applikanti flimkien mad-dokumenti, il-kopji ċertifikati jew l-affarijiet l-oħra rilevanti.

2. Jekk tintalab, l-informazzjoni mogħtija fil-paragrafu 1 tista' tkun f'forma elettronika.

3. Id-dokumenti oriġinali għandhom jintbagħtu biss wara li ssir talba f'każijiet li fihom ma jkunux biżżejjed il-kopji ċertifikati. Dawn id-dokumenti oriġinali għandhom jintbagħtu lura kemm jista' jkun malajr.

ARTIKOLU 9

Eċċezzjonijiet għall-Obbligu ta' Għoti ta' Assistenza

1. L-assistenza tista' tkun miċħuda jew tista' tkun soġġetta li tissodisfa ċerti kundizzjonijiet u rekwiżiti, f'każijiet li fihom Parti kkonċernata tkun tal-fehma li l-assistenza skont dan il-Protokoll:

   (a) aktarx tippreġudika s-sovranità ta' Stat bi Sħab tal-EAC jew dik ta' Stat Membru tal-UE li jkun intalab jagħti assistenza skont dan il-Protokoll; jew

   (b) aktarx tista' tippreġudika l-politika pubblika, is-sigurtà jew interessi essenzjali oħra, b'mod partikolari fil-każijiet imsemmija skont l-Artikolu 10(2); jew

   (c) jiksru sigriet industrijali, kummerċjali jew professjonali.

2. L-assistenza tista' tiġi posposta mill-Awtorità Li Ssirilha t-Talba minħabba li tfixkel investigazzjoni, prosekuzzjoni jew proċediment li jkun għaddej. F'tali każ, l-Awtorità Li Ssirilha t-Talba għandha tikkonsulta mal-Awtorità Applikanti biex tiddetermina jekk l-assistenza tkunx tista' tingħata soġġetta għal tali termini u kundizzjonijiet li tista' titlob l-Awtorità Li Ssirilha t-Talba.

3. Meta l-Awtorità Applikanti tfittex assistenza li hija stess ma tkunx tista' tagħti jekk din tintalab, għandha tiġbed l-attenzjoni għal dak il-fatt fit-talba tagħha. Imbagħad tkun ir-responsabbiltà tal-Awtorità Li Ssirilha t-Talba li tiddeċiedi kif twieġeb għal tali talba.

4. Għall-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, id-deċiżjoni tal-Awtorità Li Ssirilha t-Talba u r-raġunijiet iridu jiġu kkomunikati lill-Awtorità Applikanti mingħajr dewmien.

ARTIKOLU 10

Skambju ta' Informazzjoni u Kunfidenzjalità

1. Kull informazzjoni kkomunikata f'għamla tkun li tkun skont dan il-Protokoll għandha tkun ta' natura kunfidenzjali jew ristretta, skont ir-regoli applikabbli f'kull waħda mill-Partijiet. Tali informazzjoni għandha tkun koperta mill-obbligu tas-segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni li tingħata lil informazzjoni simili skont il-liġijiet rilevanti tal-Parti li rċevietha u, fil-każ tal-UE, id-dispożizzjonijiet korrispondenti li japplikaw għall-awtoritajiet tal-UE[1].

2. *Data* personali tista' tiġi skambjata biss bi qbil mal-Parti li tirċeviha biex ikun żgurat livell adegwat ta' protezzjoni ta' tali *data* għall-inqas b'mod ekwivalenti għal dak applikabbli għal dak il-każ partikolari fil-Parti li tista' tagħtiha. Għal dak l-għan, il-Partijiet għandhom jikkomunikaw lil xulxin informazzjoni oħra dwar ir-regoli u d-dispożizzjonijiet legali applikabbli tagħhom.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali (ĠUUE L 8, 12.1.2001, p. 1).

3. L-użu, fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi istitwiti fir-rigward ta' operazzjonijiet bi ksur ta' leġiżlazzjoni doganali, ta' informazzjoni miksuba skont dan il-Protokoll, huwa meqjus li jkun għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Għalhekk, il-Partijiet jistgħu, fir-rekords tal-evidenza, ir-rapporti u x-xhieda tagħhom u fil-proċedimenti u l-akkużi mressqa quddiem il-qrati, jużaw bħala evidenza l-informazzjoni miksuba u d-dokumenti kkonsultati f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. L-awtorità kompetenti li pprovdiet dik l-informazzjoni jew tat l-aċċess għal dawn id-dokumenti għandha tkun innotifikata dwar tali użu.

4. L-informazzjoni miksuba għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Meta waħda mill-Partijiet tixtieq tuża tali informazzjoni għal għanijiet oħra, għandha tikseb minn qabel kunsens bil-miktub tal-awtorità li provdiet l-informazzjoni. Tali użu għandu mbagħad ikun soġġett għal kull restrizzjoni stabbilita minn dik l-awtorità.

## ARTIKOLU 11

## Esperti u Xhieda

Uffiċjal ta' Awtorità Li Ssirilha t-Talba jista' jkun awtorizzat jidher, fil-limiti tal-awtorizzazzjoni mogħtija, bħala espert jew xhud fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi rigward il-kwistjonijiet koperti f'dan il-Protokoll, u jipproduċi tali oġġetti, dokumenti u kopji ċertifikati tagħhom, li jistgħu jkunu meħtieġa għall-proċedimenti. It-talba għad-dehra trid tindika speċifikament quddiem liema awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva ikollu jidher l-uffiċjal, dwar liema kwistjonijiet u skont liema titolu jew kwalifika se jsiru l-mistoqsijiet lill-uffiċjal.



PUBLIC

ARTIKOLU 12

Spejjeż tal-Assistenza

Il-Partijiet għandhom jirrinunzjaw il-pretensjonijiet kollha fir-rigward ta' xulxin għar-rimborż tal-ispejjeż miġruba skont dan il-Protokoll, ħlief, meta xieraq, għall-ispejjeż ta' esperti u xhieda, u dawk ta' interpreti u tradutturi li ma jkunux impjegati fis-servizz pubbliku.

PUBLIC

ARTIKOLU 13

Implimentazzjoni

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll għandha tkun fdata, minn naħa waħda, lill-awtoritajiet doganali tal-Istat(i) bi Sħab tal-EAC u, min-naħa l-oħra, lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-UE, kif xieraq. Huma għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri u l-arranġamenti prattiċi kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu, filwaqt li jikkunsidraw ir-regoli fis-seħħ b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin u sussegwentement iżommu lil xulxin infurmati dwar ir-regoli dettaljati ta' implimentazzjoni li jiġu adottati f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 14

Emendi

Il-Partijiet jistgħu jirrakkomandaw lill-korpi kompetenti emendi li huma jqisu li għandhom isiru għal dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 15

Dispożizzjonijiet Finali

1. Dan il-Protokoll għandu jikkumplementa u mhux ifixkel l-applikazzjoni ta' xi ftehim dwar assistenza amministrattiva reċiproka li jkun ġie konkluż jew li jista' jiġi konkluż bejn il-Partijiet, u lanqas ma jista' jipprekludi l-għoti ta' assistenza reċiproka aktar estensiva skont tali ftehimiet.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll ma għandhomx jaffettwaw l-obbligi tal-Partijiet skont xi ftehim internazzjonali ieħor jew konvenzjoni internazzjonali oħra.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll ma jaffettwawx id-dispożizzjonijiet tal-UE li jirregolaw il-komunikazzjoni bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-UE ta' xi informazzjoni miksuba skont dan il-Protokoll li tista' tkun ta' interess għall-UE.

PUBLIC

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll ma għandhomx jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tal-Istat(i) bi Sħab tal-EAC li jirregolaw il-komunikazzjoni bejn l-organi kompetenti tal-EAC u l-awtoritajiet doganali tal-Istat(i) bi Sħab tal-EAC ta' xi informazzjoni miksuba skont dan il-Protokoll li tista' tkun ta' interess għall-Istat(i) bi Sħab tal-EAC.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kull Ftehim dwar l-assistenza reċiproka bilaterali konkluż jew li jista' jiġi konkluż bejn Stati Membri individwali tal-UE u Stat bi Sħab tal-EAC sal-punt li d-dispożizzjonijiet ta' dan tal-aħħar ikunu inkompatibbli ma' dawk ta' dan il-Protokoll.

6. Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-applikabilità ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin biex isolvu l-kwistjoni fil-qafas tal-Kumitat Speċjali dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali.

PUBLIC

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR IR-REGOLI TAL-ORIĠINI

MILL-UNJONI EWROPEA U MIR-REPUBBLIKA TAL-KENJA

PUBLIC

L-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, min-naħa l-oħra, (għall-finijiet ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Partijiet"),

FILWAQT LI JFAKKRU fil-valuri komuni tagħhom u fir-rabtiet kulturali, politiċi, ekonomiċi u ta' kooperazzjoni b'saħħithom li jgħaqqduhom;

FILWAQT LI JFAKKRU l-Ftehim ta' Cotonou u l-ftehim suċċessur tiegħu;

FILWAQT LI JFAKKRU it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC) iffirmat f'Arusha fit-30 ta' Novembru 1999, u l-Protokoll tiegħu dwar it-Twaqqif tal-Unjoni Doganali tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant;

FILWAQT LI JFAKKRU fl-FSE bejn l-UE u l-EAC;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u globali ta' tħassib komuni;

Jikkonfermaw it-test tal-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim dwar ir-regoli tal-oriġini u jaqblu li l-Protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini tal-FSE bejn l-UE u l-EAC se jkun il-bażi għall-protokoll futur dwar ir-regoli tal-oriġini li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 9(2) ta' dan il-Ftehim, inkluża l-istruttura tiegħu, b'xi aġġustamenti limitati meħtieġa b'mod partikolari biex titqies in-natura bilaterali ta' dan il-Ftehim. Kull Parti tista' tagħmel proposti xierqa għal tali aġġustamenti, filwaqt li żżomm f'moħħha d-dimensjoni reġjonali futura ta' dak il-protokoll. Sakemm dan il-protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini jiġi adottat mill-Partijiet, u skont l-Artikolu 9(1) ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tapplika r-regoli tal-oriġini inklużi fir-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar l-Aċċess għas-Suq)[1] bħala l-liġi applikabbli tal-Parti importatriċi. Il-partijiet se jadottaw protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini skont l-Artikolu 9(2) ta' dan il-Ftehim li jkopri kemm l-esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk mir-Repubblika tal-Kenja mill-aktar fis possibbli wara li dan il-Ftehim isir applikabbli. Id-diskussjonijiet dwar tali protokoll ser jibdew immedjatament.

PUBLIC

________________________

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti Stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, ftehimiet ta' sħubija ekonomika (riformulazzjoni) (ĠU UE L 185, 8.7.2016, p. 1).

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
# DWAR IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI
# MILL-UNJONI EWROPEA U MIR-REPUBBLIKA TAL-KENJA

PUBLIC

L-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, min-naħa l-oħra, (għall-finijiet ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Partijiet"),

FILWAQT LI JFAKKRU fil-valuri kondiviżi tagħhom u fir-rabtiet kulturali, politiċi, ekonomiċi u ta' kooperazzjoni b'saħħithom li jgħaqqduhom,

FILWAQT LI JFAKKRU fil-Ftehim ta' Cotonou, u l-ftehim suċċessur tiegħu;

FILWAQT LI JFAKKRU fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (East African Community, EAC) iffirmat f'Arusha fit-30 ta' Novembru 1999 u l-Protokoll tiegħu dwar it-Twaqqif tal-Unjoni Doganali tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-FSE bejn l-UE u l-EAC;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u globali ta' tħassib komuni;

DETERMINATI li jiżguraw li dan il-Ftehim irawwem is-sostenibbiltà, sabiex it-tkabbir ekonomiku jimxi id f'id mal-protezzjoni ta' xogħol deċenti, il-klima u l-ambjent, f'konformità sħiħa mal-valuri u l-prijoritajiet kondiviżi mal-Partijiet, inkluż l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-promozzjoni ta' ktajjen tal-valur responsabbli u sostenibbli;

Jimpenjaw ruħhom, fil-kuntest tal-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim, li jkomplu jesploraw it-tisħiħ tal-mekkaniżmi reċiproċi għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi tal-impenji dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli matul il-perjodu ta' rieżami inizjali. Tali esplorazzjoni tat-tkomplija tal-konformità reċiproka tista' tinkludi pjanijiet direzzjonali ta' implimentazzjoni, assistenza finanzjarja u teknika, u l-inkoraġġiment ta' approċċi parteċipattivi, kif ukoll modi biex jiġu indirizzati diverġenzi potenzjali fl-implimentazzjoni tal-impenji miftiehma.

PUBLIC